**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Ottubru, 2018

Rikors Nru : 79/18 AL

**AB**

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurrament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlieta u ghoxirn (23) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) gewwa Black Hawk Waterloo, l-Amerka u dan skont ic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A;
2. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u l-hajja flimkien m'ghadhiex possibli. Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja totalment separati stante l-abbandun, tal-imsemmi zewgha, fis-sena elfejn u tlettax (2013), u cioe' sena biss wara z-zwieg tal-partijiet. Illi ghalhekk ilhom ma jikkoabitaw ghal dawn l-ahhar hames snin u lanqas ghandhom ulied u inoltre

m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur bejniethom;

3. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut u inoltre m'hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet dwar komunjoni tal-akkwisti;
4. Illi l-medjazzjoni bejniethom giet maghluqa u permezz ta' digriet datat hamsa (5) ta Marzu elfejn u tmintax (2018), hawn anness u mmarkat bhala Dok B, il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jipprocedu b'kawza ai termini tal-Ligi;
5. Illi l-fatti su riportati jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Illi ghalhekk ai termini tal-Ligi, l-esponenti jixtieq jitlob il-hall taz-zwieg taghhom permezz ta' dikjarazzjoni ta' divorzju;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. Tiddikjara u tiddeciedi sabiex jigi ddikjarat id-divorzju bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B *et sequitur* u tippronunzja li z-zwieg datat tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) huwa ddikjarat null u minghajr effett;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabilit minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku;
3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kommunjoni tal-akkwisti hija nulla u li l-partijiet qed jirrinunzjaw ghal kull manteniment reciproku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Mejju, 2018;

Rat illi l-kuraturi deputati debitament notifikati ma wiegbux u ma dehrux ghas-seduta tal-Qorti ;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti ppruvat illi l-partijiet ghaddew minn procedura ta' medjazjoni ;

Illi l-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ghaddew mill-procedura ta' medjazzjoni u ilhom "de facto" separati mis-sena 2013 ;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti rat ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex tiddikjara u tiddeciedi li l-kommunjoni tal-akkwisti hija xolta, il-Qorti tilqa` din it-talba izda tiddikjara li ma tistax tillikwida l-imsemmija kommunjoni tal-akkwisti u taqsamha bejn il-partijiet peress li ma tressqu l-ebda provi dwar fiex tikkonsisti l-imsemmija kommunjoni tal-akkwisti ;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.